**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, it-3 ta' Novembru 2022**

Kaz Nru: 203/15

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Gabriel Micallef)

**kontra**

**TERENCE MICALLEF**

(Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 131391(M))

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Terence Micallef,** ta' erbgha u ghoxrin (24) sena, bin Lawrence u Susanne nee' Pace, imwieled tal-Pieta' nhar l-20 ta' Frar 1991, residenti gewwa il-fond Sapphire Court, Flat 2, Triq il-Kartaginizi, Birzebbugia, u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 131391M, akkuzat talli nhar it-13 ta' Awwissu 2015 u fil-jiem u x-xhur ta' qabel f'Birzebbugia w/jew fi bnadi ohra geww dawn il-Gzejjer;

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li forni d-droga

imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

2. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta' presuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principai tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentmeent emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definitiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejje u l-proprjeta' mobli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu imissu lill-akkuzat jew huma proprjeta' tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi jew xort' ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli u dan ai termini ta' l-artikolu 22A ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-artikolu 23A tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali datat 13 t'Awwissu 2015, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi

(Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz tal-istess Ordni, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta;

Rat ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi li kienu gia instemghu minn din il-Qorti diversament ippreseduta;

Rat u semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li fit-13 t'Awwissu 2015 il-pulizija esegwiet mandat t'arrest u tfittxija fil-konfront tal-qua imputat Terence Micallef. L-ispettur Gabriel Micallef; PS1163 Frans Schembri u PC351 Joseph Borg kienu qed josservaw lill-qua imputat fl-inhawi ta' Birzebbuga u waqqfuh hekk kif wasal lura hdejn ir-residenza tieghu bil-vettura tieghu tal-marka Toyota Yaris bin-numru ta' registrazzjoni GBM 969. L-ufficjali tal-pulizija ghamlu tfittxija fir-residenza tal-imputat. Fl-imsemmija residenza, partikolarment fil-kcina, instabu xi flus kontanti gewwa pouch iswed fl-ammont ta' Eur. 645, minn kexxun taht is-sink gew elevati xi boroz bil-kantunieri mqaghttin, romblu tal-boroz godda, skieken u mgharfa mahruqa. Mill-kcina ngabru ukoll zewg notebooks bin-notamenti u figuri fuqhom li fil-kontro-ezami l-ispettur Micallef ikkonferma li mill-investigazzjonijiet li saru rrizulta li dawn kienu relatati max-xoghol tal-imputat ta' barklor. Mill-garbage li kien hemm gewwa l-kcina ngabru zewg boroz bil-kantunieri mqattghin. Minn wara frame/pittura gewwa l-living room ingabru mizien, tlettax-il bicca sustanza suspettata crack cocaine mizmuma flimkien go borza u tmintax-il bicca sustanza suspettata crack cocaine ukoll mizmuma f'borza ohra. Minn gewwa l-garbage bag li Terence Micallef gie osservat ihalli wara l-bieb tieghu mill-ufficjali tal-pulizija hawn fuq imsemmija nstabu numru ta' boroz bil-kantunieri mqattghin. Gew esebiti ukoll tlett mobile phones tal-imputat mil-liema, skond l-ispettur Micallef, jirrizultaw diversi messagi konnessi mat-traffikar tad-droga. Tfittxija li saret fil-garaxx, fil-vetturi tal-imputat (il-vettura li kien qed isuq u l-vetturi li kellu fil-garage) u fuq il-persuna tal-imputat irrizultaw negattiv.

Illi l-mobiles elevati gew analizati minn espert tal-Qorti mahtur ghal dan l-iskop – Dr. Martin Bajada. Dr. Bajada rnexxielu jaccessa l-mobiles u hareg numru ta'

messagi li ghalkemm jistghu jkunu suspettuzi ghaliex jindikaw li kien imur jiltaqa ghand diversi nies, wahedhom ma jwasslu ghall-ebda konkluzzjoni. Is-sustanzi elevati gew ukoll analizzati minn espert mahtur mill-Qorti ghal dan l-iskop, ix-xjenzat Godwin Sammut li min-naha tieghu kkonkluda:

> *"Illi fuq swabs mehuda minn fuq l-imgharfa, blades, mizien u boroz li hemm fid-dokument 006_17_01 instabet is-sustanza kokaina. Din is-sustanzav hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*
> *Illi fuq estratti mehuda mis-sustanza ta' lewn bajda li hemm fid-dokument 006_17_01 instabet is-sustanza kokaina. Il-piz totali tat-trab kien ta' 7.84grammi u l-purita' kienet ta' circa 20%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

In kontro-ezami, x-Xjenzat Godwin Sammut, ikkonferma li l-crack cocaine ssir billi wiehed jixtri l-cocaine, ihallatha bil-bicarbonate of soda u l-ammonia, u sussegwentament isahhana permezz t'imgharfa. Jikkonferma ukoll li wara li jsahhnu l-crack li tkun fuq foil, jinzlu l-fumes go flixkun u min ser jikkonsma jpejjep l-istess fumes normalment permezz ta' straw. Sammut jispjega li meta jkun ha jsir dan il-process normalment tinxtara bhala cocaine hydrochloride bil-ghan li wara tigi kkonvertita. Jispjega ukoll li hawn istanzi fejn tinbiegh il-crack cocaine lesta.

Illi fil-kors tal-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija, l-imputat kien irrillaxxa stqarrija lill-ispettur Gabriel Micallef fil-prezenza tas-Surgent Schembri nhar it-13 t'Awwissu 2015 fit-tlieta neqsin hamsa ta' wara nofsinhar[1]. Din l-istqarrija giet irrillaxata wara li l-imputat odjern kien iffirma dikjarazzjoni[2] permezz ta' liema kien irrinunzja ghad-dritt tal-assistenza legali qabel l-istqarrija u wara li huwa gie wkoll imwissi bid-dritt tas-silenzju. Mill-atti processwali ma jirrizultax li l-imputat gie mghoti d-dritt ghall-assistenza legali waqt l-istqarrija u lanqas ma jirrizultaw ragunijiet impellenti l-ghaliex l-imputat ma giex mghoti dan id-dritt. Konsegwentament aktarx li raguni l-ghaliex l-imputat ma kienx mghoti d-dritt ghall-assistenza legali waqt l-istqarrija kienet il-ghaliex fis-sena 2015 dan id-dritt ma kienx ikkontemplat fil-Kodici Kriminali. Minn qari tal-imsemmija stqarrija jirrizulta li l-imputat f'istanzi ghazel li ma jwegibx ghad-domandi li kienu qed isirulu madanakollu wiegeb ghal xi domandi b'mod partikolari xi domandi relatati ma xi messagi li kienu jirrizultaw mill-mobile. Minn analizi tal-fedina penali tal-imputat jirrizulta li ghalkemm kien hemm xi okkazzjoni ohra li fiha nstab hati, din kienet wahda in konnessjoni mar-regolamenti tat-traffiku (u mhux relatati ma ksur tal-ligijiet ta' droga). Konsegwentament ma huwiex eskluz li din kienet l-ewwel darba li l-imputat kien suggett ghall-interrogazzjoni mill-pulizija u dan minkejja li dak iz-zmien kellu l-eta' ta' erbgha u ghoxrin sena. F'dawn ic-

[1] Ara GM10 a fol. 33 tal-atti processwali
[2] Ara GM11 a fol. 35 tal-atti processwali

cirkostanzi u wara li din il-Qorti, qieset il-principji stabbiliti fl-insenjament mghoti fil-kaz **<u>Beuze v il-Belgju</u>** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, u l-principji stabbiliti ricentament permezz tas-sentenzi mghotija mill-Qrati ta' gurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[3], din il-Qorti ma hijiex ser tistrieh fuq l-imsemmija stqarrija fil-kunsiderazzjonijiet taghha u dan bil-ghan li jigi assigurat li d-drittijiet tal-imputat ghad-dritt ta' smigh xieraq ma jigiex mittifes.

Stabbilit dan, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tanalizza r-reita` o meno tal-imputat b'referenza ghall-imputazzjijiet migjuba fil-konfront tieghu.

i. Pussess Aggravat tas-sustanza kokaina

Permezz ta' din l-imputazzjoni Micallef jinsab akkuzat li huwa kien fil-pussess tas-sustanza kokaina (crack cocaine) f'cirkostanzi li jindikaw li din ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Jibda biex jinghad li l-imsemmija sustanza instabet fir-residenza tal-imputat. Id-difiza, anke fis-sottomissjonijiet taghha, fl-ebda istanza ma kkontestat l-element tal-pussess min-naha tal-imputat odjern. Dak li difiza qed tikkontendi huwa li s-sustanza li nstabet fil-pussess tal-imputat kienet intiza unikament ghall-uzu esklussiv tieghu.

Fis-sentenza i<u>l-Pulizija vs. Jason Mallia</u>, deciza fit-2 ta' Settembru 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) irriteniet illi:

> *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu ekslussiv tal-hati."*

L-istess *ratio* gie kkonfermat fis-sentenza <u>il-Pulizija vs Lawrence Fabri</u> mghotija ukoll mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) nhar is-27 ta' April 2017.

Fir-rigward tal-ammont tad-droga, s-sentenzi mghoti mill-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali dejjem sostnew li dan il-fattur ghandu dejjem jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li fihom id-droga tkun instabet. F'dan ir-rigward

[3] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022) u Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022).

issir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet il-Pulizija vs. Ernest Briffa nhar is-26 ta' Jannar 2021 fejn intqal:

> *"Dwar l-ammont ta' droga, dan ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li fihom tali droga tkun instabet. Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Noel Borg** deciz fit-12 ta' Frar 2009 intqal:*
>
> > *'Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri' [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan irrigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].) Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fatti specji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002]).'"*

Stabbiliti dawn il-principji, mill-provi mressqa fil-kaz odjern jirrizulta li s-sustanza kokaina instabet fir-residenza tal-imputat wara pittura/frame li kien hemm gewwa l-living room. L-ammont globali tas-sustanza kokaina elevat mill-pulizija kienet dik ta' 7.84 grammi b'purita ta' circa 20%. Din is-sustanza instabet prinicipalment go zewg boroz bil-piz rispettiv ta' 4.61g u 3.23g. Dawn iz-zewg boroz kontenenti din is-sustanza, kienu mqassma f'numru ta' qratas rispettivament, l-ewwel borza fi tlettax-il qartas filwaqt li t-tieni borza fi

tmintax-il qartas. Mir-relazzjoni tax-xjenzat Sammut ma jirrizultax il-piz ta' kull qartas. F'dan ir-rigward tista' ssir referenza ghar-ritratti mehuda mill-ufficjali tal-pulizija li gew ipprezentati fl-atti processwali odjerni u mmarkati bhala 'Dok. FS' kif ukoll ghall-esebiti infushom. Jirrizulta ukoll mill-provi migbura li fil-garbage li kien hemm gewwa id-dar kif ukoll fil-borza sewda li kienet inharget mill-qua imputat iktar kmieni filghodu barra l-bieb tad-dar kien hemm numru ta' boroz vojta bil-kantunieri maqtughin. Dan fl-assjem tieghu fil-fehma ta' din il-Qorti huwa indikattiv li s-sustanza ma kinitx qed tigi ikkonsmata esklussivament minnu. Permezz tal-kontro-ezami tax-Xjenzat Godwin Sammut u anke fis-sottomissjonijiet tieghu, l-abbli difensur iressaq argument li l-istess sustanza (crack cocaine) kienet qed tintuza sabiex isir il-crack cocaine bil-ghan li jikkonsmaha hu esklussivament. Fil-fatt b'referenza ghall-kontro-ezami ta' Godwin Sammut, id-difiza targumenta li l-oggetti relatati mad-droga bhal mizien, mgharfa, l-kontenitur u l-blades setghu kienu hemm sabiex issir il-crack cocaine. Sammut jikkonferma li possibilment dan jistgha jkun il-kaz izda kieku kien mehtieg il-bicarbonate of soda li kien nieqes. F'dan ir-rigward d-difiza argumentat li setgha ma giex elevat mill-pulizija. Madanakollu, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz odjern hekk kif jemergu mill-provi mressqa, din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tad-difiza. Fl-ewwel lok jibda biex jinghad li kieku kien hemm il-bicarbonate of soda mal-oggetti l-ohrajn relatati mad-droga kieku dan kien jigi elevat mill-pulizija. Hawnhekk isir referenza ghar-ritratti mmarkati bhala Dok. FS minn fejn jirrizulta car li ghalkemm instabu xi blades u oggetti ohra, bicarbonate of soda ma kienx prezenti. Di piu' jinghad ukoll li mill-kontro-ezami, x-Xjenzat Sammut meta mistoqsi jekk fis-suq persuna hux ha ssib is-sustanza kokaina u propju wara process (indikat fix-xhieda tieghu) tigi kkonvertita fi crack cocaine, jghid:

*"Normalment tinxtara bhala cocaine hydrochloride mbaghad jikkonvertuha."*

Dan ma kienx il-kaz, fil-kaz odjern. Di piu' Sammut jikkonferma li huwa possibli li fis-suq isib tixtri l-crack cocaine. Fl-ahhar u mhux l-inqas ghalkemm huwa minnu li wara l-pittura/frame instabu zewg boroz bis-sustanza crack cocaine fihom, dawn l-istess boroz kienu kontenenti numru sostanzjali ta' qratas, l-ewwel borza tlettax-il qartas filwaqt li t-tieni borza tmintax-il qartas, bl-ammont globali ta' wiehed u tlettin qartas. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-ammont ta' qratas huwa indikattiv biss ta' spacc u mhux ta' konsum ghall-uzu esklussiv tal-imputat. Indikattivi f'dan is-sens huma ukoll in-numru ta' messagi li nstabu fuq il-mobile phone tal-imputat li jindikaw li l-imputat kien imur jiltaqa ma' diversi nies. Ghalkemm l-iskop ta' dawn il-laqghat ma huwiex maghruf, wiehed ma jistghax lanqas jinjora din ic-cirkostanza fil-fond ta' cirkostanzi ohra li jirrizultaw pruvati minn provi ohra mressqa fil-proceduri odjerni. Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti hija tal-fehma li din l-imputazzjoni giet sufficjentament ippruvata mill-prosekuzzjoni.

ii. Traffikar tas-sustanza kokaina

Fuq domanda tal-Qorti, fix-xhieda tieghu, l-ufficjal prosekutur iddikjara li l-imputazzjoni ta' traffikar inghatat fid-dawl tal-istqarrija tal-imputat, liema stqarrija qed tigi skartata fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet maghmula izjed 'il fuq[4]. Kif inghad izjed 'il fuq f'din is-sentenza l-unika prova ohra li tista' titfa xi dawl fuq din l-imputazzjoni huma l-messagi fuq il-mobile phone tal-imputat. Minn analizi ta' dawn il-messagi jirrizulta car li kien hemm diversi messagi minghand numru ta' nies differenti li jindikaw li l-imputat kien ser imur jiltaqa' maghhom u possibilment jehdielhom xi haga. Madanakollu mill-istess messaggi wahedhom, ghalkemm ta' natura suspettuza, ma tirrizulta l-ebda prova cara li tindika li l-imputat kien ser jiltaqa' maghhom bil-ghan li jipprovdielhom jew jitraffika d-droga. Iktar minn hekk lanqas ma tirrizulta l-ebda sustanza li setghet tigi traffikata. Konsegwentament, fuq nuqqas ta' provi din il-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

iii. Recidiva

In kwantu ghall-imputazzjoni li tirrigwarda l-addebitu tar-recidiva jinghad li l-prosekuzzjoni esebiet sentenza mghotija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar il-25 ta' Novembru 2014[5]. Din is-sentenza ghandha n-numru tal-karta tal-identita' tal-persuna misjuba hatja, liema numru jaqbel ma dak tal-imputat odjern. Gie prodott ukoll bhala xhud tal-prosekuzzjoni l-ispettur Edmond Cuschieri li kien l-ufficjal prosekutur f'dak li l-kaz li min-naha tieghu kkonferma li dakinhar huwa kien ufficjal prosekutur madanakollu ma kienx f'posizzjoni li jikkonferma l-identita' tal-imputat. Madanakollu din il-Qorti hija sprovista minn kwalunkwe prova li l-piena mghotija fis-sentenza hawn fuq imsemmija giet effettivament skontata u jekk fl-affermattiv id-data li fiha giet skontata. Fin-nuqqas ta' din il-prova krucjali din il-Qorti ma tista' qatt issib lill-qua imputat recediv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali u konsegwentament ser jigi lliberat minn din l-imputazzjoni.

Rigward il-piena li ghandha tigi inflitta fil-kaz odjern, din il-Qorti ser tqis in-natura tal-imputazzjoni li taghha ser jinsab hati kif ukoll in-natura u l-ammont ta' sustanza illegali. Ser tqis il-fedina penali tal-imputat kif ukoll il-kooperazzjoni tieghu fit-tfittxijiet li saru mill-pulizija fir-residenza tieghu. Fl-ahhar net, qieset ukoll li fic-cirkostanzi tal-kaz de quo, ma huwiex applikabbli l-Kap. 537 tal-Ligjiet ta' Malta u konsegwentament il-ligi b'mod tassattiv tesigi li l-piena applikabbli ghandha tkun dik ta' prigunerija effettiva.

**Decide:**

---

[4] Madanakollu, ghal kull bon fini, jrid jinghad li mill-istqarrija ma tirrizulta l-ebda prova cara li tista' tissostanzja l-imputazzjoni ta' traffikar. L-unika relevanza li l-istqarrija tal-imputat setgha kellha rigward din l-imputazzjoni huwa fid-dawl ta' mistoqsijiet li saru b'referenza ghal xi messagi li kien hemm fuq il-mobile phone tal-imputat.

[5] Ara GM12 a fol. 52 tal-atti processwali

Għal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti 4 u 9 tal-Avviż Legali 292 tas-sena 1939 hekk kif sussegwentament emendat, **qed issib lil Terence Micallef mhux ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu izda qed isibu ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontrieh u konsegwentament qed tikkundanah għall-piena ta' erbatax-il xahar priġunerija effettiva.**

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qegħda tordna lill-ħati Terence Micallef sabiex tħallas l-ispejjez konnessi mal-ħatra ta' l-esperti fil-proċeduri odjerni (Eur.890.90) fi żmien tmintax-il xahar millum u fin-nuqqas jiġu kkonvertiti fi priġunerija skond il-liġi.

Fl-aħħarnett, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga eżebita, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi inserit fl-atti ta' din il-kawża sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur